**QORTI TAL-MAĠISTRATI**

**(MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta: COLLISIONS**

**Illum, 19 ta' Awwissu, 2020**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Francesco Saverio Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Francesco Saverio Cutajar, bil-karta tal-identità numru 316366M, akkużat talli:

*…fid-29/01/2017 ghall-habta ta' 16:30 hrs gewwa Triq is-Sajjieda, Wied iz-Zurrieq l/o Qrendi soqt il-vettura nru MAR 614;*

1. *B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ritianne Grima skond kif iccertifika Dr Clarissa Zehlicke MD 5789 mill-MDH*

*Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet lix-xhieda kollha prodotti.

Semgħet sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u ppreżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi flimkien mat-taħrika tal-kawża, ġie ppreżentat affidavit ta' PS 1227 M. Pace, li spjega li kien irċieva telefonata mill-pulizija li huwa stazzjonat ġewwa l-Isptar Mater Dei, fejn ġie nfurmat li daħlet persuna l-isptar li kienet sfat imtajjra ġewwa Wied iż-Żurrieq. Il-vittma kienet Ritianne Grima, li kienet twasslet l-isptar minn żewġha Bernard Grima, wara li seħħ inċident fejn sfat imtajjra għall-ħabta ta' 16.30hrs ġewwa Wied iż-Żurrieq. Spjega li l-għada, huwa kellem lil Bernard Grech, li nfurmah li huwa ma kienx jaf min kien qed isuq il-vettura li tajjret lil martu, iżda kien persuna maskili ta' 40 sena. Qal li huwa mar biex iġib il-karozza u ra raġel jagħmillu sinjal mill-bogħod, mentri x'ħin wasal, sab lil martu mweġġa' bid-demm nieżel minn ma' wiċċha, u jdejha ma setgħetx iċċaqlaqha. Spjega li peress li martu kienet muġugħa, huwa ħa biss in-*number plate* tal-vettura, u ma ħax dettalji tas-sewwieq. Spjega li Grima nfurmah li l-vettura li tajjret lil martu, kienet bin-numru ta' reġistrazzjoni MAR 614 tal-għamla Toyota Auris.

Kompla jgħid li huwa tkellem ma' Ritianne Grima fit-2 ta' Frar 2017, fejn din qalet li kienet miexja mal-ħajt, u x'ħin qasmet in-naħa l-oħra biex tmur fuq il-bankina u waslet fuq il-bankina, f'daqqa waħda ħasset daqqa minn naħa ta' quddiem, ċioè daqqa ġo żaqqha, u ħabtet rasha mal-karozza. Spjega li din qaltlu li mad-daqqa, in-nuċċali tar minn ma' wiċċha u hi waqgħet mal-art u nxteħtet għal xi metru 'l bogħod mill-vettura, b'konsegwenza li ġiet fuq idha x-xellugija. Spjega li din qalet li qamet minn mal-art u min tajjarha, u ċioè persuna maskili, offrielha tazza kafè li hija rrifjutat, iżda qaltlu li riedet lil żewġha fejnha. Spjega li din kompliet li kien hemm persuna femminili li kienet f'vettura oħra fuq wara tal-vettura nvoluta, u staqsietha xi ħaġa li ma tiftakarx. Qal ukoll li Grima qaltlu li żewġha ħadha l-isptar, fejn Grima giet iċċertifikata li qed issofri minn ġrieħi gravi.

Kompla jgħid li meta tkellem mal-imputat, dan spjega li l-inċident seħħ meta huwa kien ser idur biex imur lejn ristorant *Step-In*. Spjega li dak il-ħin, kienet nieżla x-xita, u waqt li kien ser idur, ra tfalja ħa taqsam, u huwa waqaf. Spjega li Cutajar

qallu li t-tfajla qasmet tiġri u baqgħet dieħla ġol-kantuniera tal-karozza tiegħu. Qal li Cutajar spjega li huwa nħasad, u ħareġ jiġri biex jagħtiha l-għajnuna għax dehret ser tistordi. Spjega li Cutajar qallu li sab ir-raġel ta' din it-tfajla, u din ittieħdet il-Polyclinic bil-karozza tar-raġel tagħha, minkejja li hu offra biex iwassalhom.

Ġie pprezentat affidavit ta' Dottor Clarissa Marie Zehlicke, li ddikjarat li eżaminat lil Ritianne Grima fid-29 ta' Jannar 2017, u li sabet li kienet qed issofri minn *LCW Right pero-orbital area approximately 0.5 cm in length and transcerse fracture through olecranon of left ulna.*

Fl-1 ta' Marzu 2018, xehdet Ritianne Grima fejn spjegat li hi u r-raġel marru Wied iż-Żurrieq fid-29 ta' Jannar. Qalet li x'ħin telgħet it-telgħa li hemm fi Triq Congrave, hija mxiet lejn ix-xellug biex taqsam it-triq peress li hemm "Y" junction. Qalet li qasmet it-triq u fid-daqqa u l-ħin, ħasset daqqa n-naħa tal-lemin ġo żaqqha. Spjegat li waqgħet u ħabtet rasha mal-karozza, u mbagħad waqgħet mal-art xi metru 'l bogħod. Spjegat li kellha nuċċali li tar in-naħa l-oħra tat-triq. Kompliet tgħid li qamet u s-sewwieq ħareġ mill-karozza u staqsieha jekk għandhiex bżonn kafè. Qalet li hija rrispondietu fin-negattiv u qaltlu li kellha bżonn lir-raġel. Spjegat li kien hemm mara li kienet qiegħda ssuq warajħ u ħarġet tara x'ġaralha. Qalet li hija nfurmathom li ma kinitx qed tara mingħajr nuċċali, u din marret iġġibulha. Spjegat li s-sewwieq l-ieħor mar jgħid lil żewġha jiġi. Qalet li r-raġel tagħha, ħadha l-isptar u li hi ma setgħetx iċċaqlaq idha, u kellha d-demm ħiereġ minn rasha. Hija għarfet lis-sewwieq fl-awla, u sostniet li l-inċident seħħ għal-4.30pm.

In kontroeżami, hija spjegat li ma tiftakarx x'tip ta' karozza kien qed isuq l-imputat, iżda kienet karozza normali, *family car.* Qalet li ntlaqtet bil-ġenb ta' quddiem tal-karozza f'ġenbha. Qalet li kellha tbenġila wkoll.

Ritianne Grima reġgħet xehdet fis-17 ta' Jannar 2019, fejn qalet li hija għamlet żewġ operazzjonijiet f'idha x-xellugija, u sal-lum, għadha tbati l-konsegwenzi għaliex għadha muġugħa. Spjegat li l-operazzjoni għandha x'taqsam mal-inċident.

Ritianne Grima reġgħet xehdet fil-25 ta' Marzu 2019, fejn eżebiet dokumenti li jirrigwardaw żewġ operazzjonijiet li ġiet kostretta tagħmel in vista ta' dan l-inċident.

**Bernard Grima** spjega li huwa kien Wied iż-Żurrieq u kien sejjer għall-karozza lura. Huwa u dieħel fil-karozza, sema' raġel jgħajjatlu u jxejjrilu. Huwa mar viċin, u sab lil martu b'idha poġġuta b'ċertu mod, u bid-demm nieżel. Huwa kellimha, u mara li kien hemm fejnha, qaltlu li mhux hi kienet qed issuq. Qal li huwa ddeċieda li jieħu lil martu l-isptar. Spjega li huwa ma rax l-inċident, u l-mara tiegħu kienet ħdejn raġel u mara oħra bilwieqfa. Kienet qiegħda ħdejn il-karozza ħamra li kienet f' kantuniera. Spjega li martu kienet viċin fil-bankina fil-kantuniera. Huwa ma jiftakarx kemm kienet viċin il-bankina.

**Lawrence Bugeja** ppreżenta l-file mediku ta' Ritianne Abela, detentriċi tal-karta tal-identità numru 170184M.

**Dr Thomas Azzopardi** ppreżenta affidavit fejn spjega li huwa eżamina lil Ritianne Grima fis-26 ta' Mejju 2017, u sab li kienet qed issofri minn uġiegħ u ebusija fil-minkeb tax-xellug, u tnemnim fl-id tax-xellug. Spjega li ser ikollha bżonn tneħħi dan il-vit mill-minkeb, kif ukoll EMG Studies biex jevalwaw il-possibilità ta' ulnar neuropathy fil-minkeb tax-xellug. Spjega li hija kellha bżonn tkompli bil-fiżjoterapija għall-minkeb tax-xellug, u kellha riskju żgħir li tibqa' ssofri minn diżabilità minuri permanenti minħabba l-ġrieħi li soffriet.

**L-imputat** xehed fis-27 ta' Frar 2020 fejn qal li hu kien sejjer jiekol mal-mara u l-għarusa tat-tifel. Kien wassalhom sar-ristorant bl-isem ta' Step Inn għax bdiet tqattar ix-xita għall-ħabta tal-erbgħa u n-nofs ta' wara nofsinhar. Spjega li huwa kien qed ifittex biex jipparkja. Waqt li kien tiela' t-telgħa, kienet għaddejja karozza u hu waqaf bil-vettura tiegħu. Qal li tfajla qasmet it-triq u baqgħet dieħla ġol-fanal tal-karozza. X'ħin ħabtet mal-fanal tan-naħa tax-xufier, hija tbaxxiet. Spjega li t-tfajla kienet bin-nuċċali, u hija ħabtet in-nuċċali mal-*bonnet*. X'ħin ħabtet, in-nuċċali girfilha moħħa u beda ħiereġ id-demm u qisha ppanikjat. Spjega li huwa niżel u staqsiha jistax iwassalha x'imkien u hi talbitu jsejjaħ lir-raġel tagħha. Spjega li r-raġel tagħha kien mar iġib il-karozza, u huwa jaħseb li t-tfajla kienet qasmet tiġri sabiex tmur tilħqu. Spjega li huwa sab lir-raġel u reġa' staqsihom jekk kellhomx bżonn xi ħaġa, u dawn wieġbu fin-negattiv.

Spjega li huwa imbagħad telaq, ipparkja u mar jiekol mal-mara. Huwa kien waħdu fil-karozza. Spjega li t-tfajla ħabtet koxxtejha jew irkopptejha mal-fanal, ntmeddet għal fuq il-*bonnet* u nieżlet ħdejn il-*mudguard* qisha bħal stordiet. Ikkonferma li hi kellmitu mill-ewwel. Qal li huwa ma tax każ jekk il-vettura kellhiex xi ħsarat. Spjega li dan ġara l-

Ħadd, u l-Ħamis ċemplulu mill-Għassa taż-Żurrieq. Spjega li huwa kien nesa x'ġara, u mbagħad huwa ta l-verżjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi dokumentarji u xhieda, f'dan il-proċediment irriżulta illi nhar id-29 ta' Jannar 2017, għall-ħabta ta' 16.30hrs, seħħ l-inċident stradali ġewwa Triq is-Sajjieda, Wied iż-Żurrieq fil-limiti tal-Qrendi, f'liema inċident, kienu nvoluti vettura misjuqa mill-imputat bin-numru ta' reġistrazzjoni MAR 614 u Ritianne Grima. Grima soffriet ġrieħi ta' natura gravi. Dwar dawn ir-riżultanzi, ma hemmx kontestazzjonijiet.

Hija però kkontestata l-kwistjoni tar-responsabbilità ossia, fi kliem sempliċi, min għandu jieħu t-tort għal dan l-inċident. Dana peress li l-imputat u l-allegata vittma, jagħtu verżjonijiet konfliġġenti għall-aħħar.

F'dan il-każ, Ritianne Grima sostniet bil-ġurament tagħha, li hija kienet qed taqsam it-triq, u kif waslet fuq il-bankina, ħasset daqqa min-naħa ta' quddiem f'ġenbha, bil-konsegwenza li waqgħet fuq in-naha tax-xellug ta' ġisimha. Mill-banda l-oħra, l-imputat sostna li huwa kien wieqaf, u li kienet l-istess Grima li hi u taqsam baqgħet dieħla ġol-kantuniera tal-vettura tiegħu u sofriet grieħi.

Xhieda okulari apparti l-vittma u l-imputat, ma tressqux. Irriżulta li mix-xhieda ta' Bernard Grima, dan ma kienx jaf fejn eżattament sab lil martu wara l-inċident, għalkemm sostna li din kienet viċin karozza ħamra u viċin il-bankina

Meta l-Qorti eżaminat fid-dettal ir-riżultanzi proċesswali, jidher li l-imputat dejjem ta l-istess verżjoni. Il-vittma *a tempo vergine,* u fl-ewwel parti tax-xhieda tagħha mogħtija fl-1 ta' Marzu 2018, sostniet li hija ħasset daqqa f'żaqqha, iżda mbagħad aktar tard fix-xhieda, ikkwalifikat li hija ntlaqtet bil-ġenb ta' quddiem tal-karozza ġewwa ġenbha, u mhux żaqqha. Irriżulta mill-affidavit tat-tabiba li eżaminat lill-vittma immedjatament wara l-inċident, illi din sofriet grieħi qrib għajnejha, u fil-minkeb ta' idha x-xellugija. Ma rriżulta minn imkien li l-vittma sofriet xi tbenġil, għalkemm sussegwentement, f'xhieda mogħtija f'Marzu 2018, din sostniet li kellha xi tbenġila wkoll. Il-Qorti tqies li, li kieku l-vettura misjuqa mill-imputat ma kinitx

wieqfa, id-daqqa fiż-żaqq tal-vittma (skont verżjoni waħda mogħtija mill-vittma) jew fil-ġenb tal-vittma (skont verżjoni oħra mogħtija mill-vittma) kienet tkun tali li jkun hemm xi tbenġil jew ġrieħi li jiġu osservati u eżaminati mit-tobba ftit ħin wara l-inċident.

In oltre, din il-Qorti ma ġietx fornita bl-ebda prova oħra dwar id-dinamika ta' dan l-inċident, ħlief għax-xhieda mogħtija mill-allegata vittma. Stante li l-istess vittma ttieħdet l-isptar minn żewġha, il-Pulizija lanqas ma għamlet skizz dwar id-dinamika tal-istess inċident. Għaldaqstant, il-verżjoni tal-Prosekuzzjoni, mhijiex konfortata minn provi dokumentarji. Il-Qorti lanqas ma ġiet spjegata b'mod preċiż fejn kien il-*point of impact,* u fejn spiċċat l-allegata vittma meta seħħet il-kolliżjoni mal-vettura, li skont l-imputat, kienet kompletament wieqfa.

Illi, in vista ta' dan kollu, il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tressaq provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-inċident stradali *de quo*, seħħ minħabba xi nuqqas imputabbli fuq l-imputat. Huwa prinċipju stabbilit li kull dubju, għandu jmur favur l-imputat, u f'dan il-każ billi jippermani dubju f'din il-Qorti, din il-Qorti ma għandhiex triq oħra, għajr li tillibera lill-imputat mill-akkuża mressqa fil-konfront tiegħu.

**Deċide**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti tqis li l-imputazzjoni mressqa fil-konfront tal-imputat, ma ġietx ippruvatha, u qiegħda tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.**

Maġistrat Simone Grech

Janet Calleja

Deputat Reġistratur